MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Numru 297/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**ZACHARY CASSAR**
**CARMEL CASSAR**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Zachary Cassar ta' 39 sena, bin Francis u Pauline nee' Xerri, imwieled Victoria (Ghawdex) fil-21 ta' Lulju 1965, residenti f'66, Triq il-Manwala, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 26665(G); u

Carmel Cassar ta' 54 sena, bin Francis u Pawla nee' Xerri, imwieled Xewkija (Ghawdex) fit-28 ta' Lulju 1950,

residenti f'71, Triq il-Kbira, Xewkija, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 66250(G) gew akkuzati talli nhar il-Hadd 8 ta' Awissu 2004, fuq il-monti ta' San Gakbu, fil-Belt Valletta, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlu uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghu jew krew jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 17 tal-Process (Dok AG5) u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ammont ta' oggetti involuti f'dan il-kaz, li f'dan il-kaz kienu malji, kien ammont minimu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1)(a), (c) u (f), 533 u 23 tal-Kap. 9 u l-artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Zachary Cassar u Carmel Cassar, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat Zachary Cassar (Dok AG3) u l-fedina penali tal-imputat Carmel Cassar (Dok AG4) u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-ammont ta' oggetti involuti f'dan il-kaz, li f'dan il-kaz kienu malji, kien ammont minimu, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Zachary Cassar u Carmel Cassar ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati Zachary Cassar

u Carmel Cassar jikkommmettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputati Zachary Cassar u Carmel Cassar ihallsu minnufih bejniethom f’partijiet ugwali lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ tmienja u disghin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm98.06c) rappresentanti l-ispejjez inkorsi f’din il-kawza rigward l-inkarigu tal-espert Martin Bajada.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska u id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok AG11.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Zachary Cassar u Carmel Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------